**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 18 ta' Settembru 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Xerri)**

**Vs**

**Sacid Mohamed Abdillahi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Sacid Mohamed Abdillahi**, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0121228A, fejn gie akkuzat talli:

Nhar is-sbatax (17) ta' Settembru, 2019, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu (0600hrs) ġewwa l-bajja ta' San Ġorġ, f'San Ġiljan u l-inħawi tal-madwar:

1. Ikkommetta serq ta' mobile tal-għamla I-Phone 7 b'valur ta' ħames mitt ewro (€500.00) għad-dannu ta' Antonio Sebastiano Sapienza, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur' u bil-'ħin';
   Artikoli 261 (ċ) (f), 267, 270, 279 (a), 280 (1), u 281 (a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Nakkużah ukoll talli nhar is-sbatax (17) ta' Settembru, 2019, u s-sena ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer:

2. Għex ħajja ta' għażż u vagabundaġġ;
   Artikolu 338 (w) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Kif ukoll talli fl-istess dati, ħinijiet, u ċirkostanzi ġewwa dawn il-gżejjer:

3. Irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
   Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali mahrug illum stess, esebit u mmarkat bhala dok "JX";

Rat l-atti u d-dokumenti;
Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tal-lum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien nghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza tal-lum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem ukoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tal-imputat. Ghall-finijiet tal-piena u/jew sanzjoni, l-Qorti qed tikkonsidra fuq kollox l-ammissjoni bikrija tal-imputat. Naturalment il-Qorti mhux qed tinsa in-natura serja tal-imputazzjonijiet.

**Decide;**

Ghal-mottivi premessi il-qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261 (c), (f), 267, 270, 279(a), 280(1), 281(a) u 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat **Sacid Mohamed Abdillahi**, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' tnax (12) il-xahar prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur